L-UNIVERSITÀ TA’ MALTA

IL-FAKULTÀ TAL-ARTI

ID-DIPARTIMENT TAL-MALTI

**MAL 3010 Għajnuniet Avvanzati għar-Riċerka**

Assenjament:

**Mudell ta’ Preżentazzjoni Tajba għal Kitba Akkademika**

**L-ewwel taqsima (60% tal-marka globali)**
Ipprovdi kopja elettronika ta’ kapitli mit-teżi jew xi assenjament. Jista’ jkun kwalunkwe kapitlu jew kwalunkwe assenjament diġà mfassal, iżda jrid jinkludi dawn l-elementi kollha:

1. Tul minimu ta’ 15-il paġna li jinkludu mill-inqas tliet sezzjonijiet differenti, inklużi l-paġni preliminari u żewġ kapitli;

2. Stil għat-test ewlieni skont l-istandard mitlub mid-dokument *Step by Step Guide to Create a User-friendly Digitized Dissertation* (Librerija tal-Università), speċjalment għat-tipa (*font*), daqs, spazju bejn vrus u paragrafi;

3. Stil għat-titlu ewlieni tal-kapitlu (*Heading1*);

4. Stili differenti għal mill-anqas żewġ livelli ta’ sottotitli (*Heading2*, *Heading3*);

5. It-tagħrif neċessarju fil-*Header* ta’ kull paġna, skont l-istandard mitlub mill-*Modern Languages Association* verżjoni 8 (MLA8) **jew** mill-*American Psychological Association* verżjoni 6 (APA6);

6. Mill-inqas erba’ (4) referenzi biblijografiċi. Irid ikun hemm referenza għal dawn fit-test (*inline citations*) u fil-biblijografija bl-informazzjoni sħiħa f’qiegħ il-kapitlu, skont l-istandard MLA8 **jew** APA6. Għal dan l-assenjament **biss** iddikjara l-istandard fis-sottotitlu tas-sezzjoni referenzi – eż. **Biblijografija (MLA8)**;

7. Werrej ġenerali li juri s-sezzjonijiet differenti fid-dokument. Dan għandu jkun parti mill-paġni preliminari.

**It-tieni taqsima (40% tal-marka globali)**
Ippreżenta dan f’dokument elettroniku separat.

***F'kitba ta' mhux aktar minn 400 kelma semmi tliet każi ta' varjazzjoni lingwistika li nistgħu nistħarrġuhom permezz tal-korpus. Agħti eżempju għal kull każ biex issaħħaħ it-tweġiba tiegħek.***

**Kif tissottometti l-assenjament**
Ibgħat id-dokument **f’format DOCX (2010/2016)** f’dan l-indirizz elettroniku:

**norman.c.borg@um.edu.mt**

Tirċievi risposta li d-dokumenti jkunu wasluli.

Hija responsabbiltà tiegħek li tara li d-dokument li tibgħat ikun **iffinalizzat**. Jekk tibgħat aktar minn verżjoni waħda, l-ewwel verżjoni li tasal biss titqies bħala l-finali.

**Data tal-għeluq:**
15 ta’ Frar 2019

**N. Borg**